MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2009

Numru 1092/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO HABER**
**KONTRA**

**SI DJIBIRIL**
**DAUDA TRAORE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Si Djibiril ta’ 29 sena, nazzjonalita’ Ivorjana, mwieled f’ Croko fl- 1980, bin Mamadu u Miriam, residenti Hal Far Open Centre, maghruf b’numru tal- Pulizija 07III-008;

U

Dauda Traore ta’ 23 sena, nazzjonalita’ Mali, mwieled f’ Kaji fl- 1986, iben Inci u Baru, residenti Lyster Detention Centre, maghruf b’numru tal- Pulizija 08EEE-022;

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) f’dati mhux maghrufa qabel l- 1 ta’ Settembru 2009 bhala persuni illi imbarkaw jew zbarkaw, f’ Malta naqsu illi jkollhom passaport u naqsu li jaghu lill- Ufficjal Principali ta’ l- Immigrazzjoni l- informazzjoni preskritta u dik l- informazzjoni l- ohra kif l- Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai terminu tal-Artikolu 28 tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta’ Malta.

2) U lil Dauda Traore, akkuzat ukoll talli f’data mhux maghrufa qabel l- 1 ta’ Lulju 2009, harab minn post ta’ kustodja pubblika, cioe ‘Lyster Detention Centre’ bi ksur tal- Artikoli 151 u 160 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni din il-qorti qed issib htija fl-imputati, u ghalhekk tista’ tghaddi minnufih ghas-sentenza. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali f’ diversi sentenzi fuq mertu relatat, il-kontroll tal-fruntieri bejn pajjiz u iehor hi materja ta’ importanza kbira u ta’ serjeta’, u kull reat

kommess f' dan il-kamp ghandu jinghata piena ta' prigunerija effettiva, minkejja li l-imputati jista' jkollhom fedina penali netta u jkunu rregistraw ammissjoni bikrija. F' dak il-kaz, bhal ma hu l-kaz odjern, il-piena tista' tkun fil-minimu taghha, kif fil-fatt il-Qorti sejra taghmel.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 28 tal- Kapitolu 217 u l- 151 u 160 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputati hatja u ghaldaqstant tikkundanna lil Dauda Traore sitt (6) xhur prigunerija u lil Si Djibiril xahar prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------